MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Numru 464/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Maria Muscat**
**Antonia Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Maria Muscat, 31 sena mart Andrew, bint Joseph Micallef u Giovanna Antinda nee` Cutajar mwielda Pieta fis-7 ta' Gunju, 1971 u toqghod Mont Herrier, Gaspare Pace Street, Siggiewi, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 256571(M) u Antonia Caruana, 35 sena mart Godwin bint Alfred Muscat u Mary Mercedes nee` Bartolo mwielda Mellieha

fil-31 ta' Lulju, 1966 u toqghod 21, Il-Holma, Triq Pietru Pawl Caruana, Mellieha, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 313966(M).

Akkuzati:

Talli f'April 1999 u/jew fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Astero Apartments fi Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' tlett pjanti, li l-valur taghhom ma jeccedix Lm50 ghad-dannu ta' Hotels Administration Limited liema serq huwa aggravat bil-persuna.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni f'din l-ewwel udjenza;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputati huma akkuzati ta' serq aggravat bil-persuna.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati rat l-Artikolu 261 (d), 268, 281 (a) u 18 tal-Kap 9.

Issibhom hatja fuq l-ammissjoni.

Fic-cirkostanzi tiddeciedi li tilliberhom inkondizzjonatament bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------